MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)
## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2014

Rikors Kongunt Numru. 11/2014

AB

**u**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremettew:

Illi huma kienu zzewgu f'Malta nhar is-sittax ta' Jannar tas-sena elf disa' mija u tmienja u disghin (16/1/1998) u z-zwieg taghhom gie rregistrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta bin-numru tletin zbarra elf disa mija u tmienja u disghin (30/1998);

Illi minn dan dan iz-zwieg, l-esponenti kellhom zewgt itfal X li twieldet fit-tnejn u ghoxrin ta' Mejju tas-sena elf disa mija u tmienja u disghin (22/05/1998) u Z li twieldet fis-sebgha u ghoxrin ta' Frar tas-sena elfejn u tnejn (27/02/2002), it-tnejn minorenni;

Illi huma isseparaw permezz ta' kuntratt pubbliku fl-atti tan-nutar Dottor Josef C. Masini Vento fis-sebgha u ghoxrin ta' Jannar tas-sena elfejn (27/01/2012), kopja awtentika tal-istess qeghda tigi hawn annessa u mmarkata Dok. A;

Illi ghalkemm m'ghaddewx aktar minn erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali taghhom ir-rikorrenti ma ghexux flimkien ghall-perjodu ta' aktar minn erba' snin;

Illi l-esponenti jiddikjaraw li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom;

Illi l-esponenti jiddikjaraw ukoll li l-manteniment ghal uliedhom kif miftiehem fil-kuntratt ta' separazzjoni ta' bejniethom dejjem thallas puntwalment;

Illi ghaldaqstant l-esponenti jissodisfaw ir-rekwiziti kollha stabbiliti mil-ligi biex jinghata d-divorzju;

Illi huma jixtiequ jiddivorzjaw u jaqblu li z-zwieg taghhom ghandu jigi mahlul. Ghal dan il-ghan huma qeghdin jiddikjaraw ukoll bil-gurament li qeghdin jaghtu struzzjonijiet kongunti lill-avukati sottoskritt biex jirrapprezenta lit-tnejn li huma f'dawn il-proceduri;

Ghaldaqstant talbu li din il-Qorti joghgobha tawtorizza u tippronunzja d-divorzju u tiddikjara z-zwieg taghhom mahlul ai termini tal-Artikoli 66A et sequitur tal-Kodici Civili u kif ukoll tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk minn dina il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku, u dan taht kull provvediment iehor li jidhrilha xieraq u opportun;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-27 ta' Jannar 2014 ;

Rat l-affidavits bix-xiehda tal-partijiet

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi l-partijiet ippruvaw illi ilhom legalment separati mis-27 ta’ Jannar, 2012 izda ilhom ghal aktar minn erba’ snin mid-data tas-separazzjoni legali *de facto* separati minn ma’ xulxin u illi r-rikorrenti ppruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejnithom;

Illi ir-rikorrenti ippruvaw wkoll illi ma hemm l-ebda pendenza jew kwistjoni dwar manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------